MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Numru. 1049/2008

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Ann Azzopardi, bint Crispin Spiteri, imwielda Sliemafil-21 ta' Ottubru, 1963

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fis-17 ta' Ottubru, 2008 fil-ħanut bl-isem 'Movies' sitwat fi Triq il-Kbira, Ħamrun iffalsifikat jew biddlet, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ jew prodotti ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement għamlet użu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħt

tali merkanzija, jew xjentement qiegħdet fiċ-ċirkolazzjoni, biegħt jew żammet għandha għal bejgħ jew impurtat għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' numru ta' DVDs u CDs;
2.  talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod ieħor irriproduċiet jew ikkupjat, jew biegħt, qassmet jew mod ieħor offriet għal biegħ jew biex tqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2009 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 298(1) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt euro (€300).  Tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------